31982L0528

9.8.1982 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 234/1

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
tad-19 ta' Lulju 1982
li temenda l-Anness II tad-Direttiva 76/895/KEE li tirrigwarda l-iffissar ta' livelli massimi għal residwi ta' pestiċidji fi-l u fuq il-frott u l-ħxejjex

(82/528/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 76/895/KEE tat-23 ta' Novembru 1976 li tirrigwardja l-istabbilizzar ta' livelli massimi tar-residwi ta' pestiċidi fil u fuq il-frott u l-ħxejjex [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 81/36/KEE [2], u partikolarment l-Artikolu 5 tagħha,

Wara li kkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni [3],

Billi l-Artikolu 5 ta' Direttiva 76/895/KEE jipprovdi li l-kontenut ta' l-Annessi jkun regolarment emendat u li meta jsiru dawn l-emendi akkont għandu jittieħed tal-progress tekniku u xjentifiku kif ukoll tal-ħtiġijiet tas-saħħa u ta' l-agrikoltura;

Billi, ladarba huwa biżżejjed li jkunu identifikati r-residwi tal-pestiċidi bl-ismijiet komuni u l-formuli kimikali tagħhom, jidher li huwa mixtieq li tkun issimplifikata l-preżentazzjoni ta' l-Anness II għall-imsemmija Direttiva kif meħtieġ;

Billi l-pestiċidi *aramite* u *chlorfenson* mhumiex aktar ta' importanza ekonomika u r-residwi tagħhom pjuttost li ma jseħħux f'oġġetti ta' l-ikel; billi huwa għalhekk xieraq li dawn ikunu mħassra mill-imsemmi Anness I;

Billi, fid-dawl ta' l-iżvilupp ta' tagħrif tekniku u xjentifiku, huwa meħtieġ li jkunu emendati d-dispożizzjonijiet, partikolarment il-livelli massimi, li jinstabu fl-Anness II li jirrigwardaw *atrazine*, *azinphos-ethyl*, *azinphos-methyl*, *barban*, *binapacryl*, *carbaryl*, *chlorbenzilate*, *diallate*, *endosulphan*, *lindane*, *parathion* inkluż *paraoxon* u *folpet*;

Billi, għal l-istess raġunijiet, jidher li huwa mixtieq li d-Direttiva tkun aġġornata biż-żieda tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw aktar pestiċidi li r-residwi tagħhom jistgħu iseħħu fil-frott u l-ħxejjex, jiġifieri *bromophos-ethyl*, *bromopropylate*, *captafol*, *chlorpropham*, *chlorbufam*, *chlorfenvinphos*, *chlormequat*, DDT, *diazinon*, *dichlofluanid*, *dichlorvos*, *dicofol*, *dioxathion*, *diquat*, *fentin*, *heptachlor*, *methyl bromide*, *paraquat*, *pyrethrins*, *triallate*, *vamidothion* u *chinomethionat*;

Billi jidher ukoll li huwa xieraq, bi qbil mal-prattika internazzjonali preżenti, li jinbidlu l-livelli massimi li jirrigwardaw l-*amitrole*, l-*endrin* u t-TEPP, li s'issa kienu mhurija bħala "żero", b'livelli mhux indefiniti eżiġiti fi jew f'madwar il-limitu l-aktar baxx tad-determinazzjoni;

Billi, f'dak li jirrigwarda l-iżbalji, partikolarment tal-kampjuni u l-analiżi, inerenti fil-kontroll tal-livelli massimi, dawn ta' l-aħħar għandhom ikunu murija f'numru xieraq ta' figuri sinifikanti; billi l-livelli li jirrigwardaw il-*chlorbenside* u l-*methylparathion* inkluż il-*methyl—paraoxon* għandhom għalhekk ikunu ikkorreġuti,

[1] ĠU L 340, tad-9.12.1976, p. 26.
[2] ĠU L 46, tad-19.02.1981, p. 33.
[3] ĠU C 95, tas-16.04.1982, p. 6.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Anness II tad-Direttiva 76/895/KE huwa b'hekk emendat kif ġej:

1. Il-kolonna bl-intestatura "KEE Nru (1)" u n-nota fil-qiegħ 1 għandhom ikunu mħassra;

2. Id-dħul "*aramite*" u "*chlorfenson*" għandhom ikunu mħassra;

3. Għal residwi tal-pestiċida kif stabbiliti hawn taħt, il-partikolaritajiet li jinsabu fit-Tabella, bl-eċċezzjoni tal-formuli kimikali, li jibqgħu mingħajr tibdil, għandhom ikunu mibdula b'dan li ġej:

Isem komuni	Livelli massimi (f'mg/kg (ppm))	
amitrole	0·05	
trazine	0·1	
azinphos-ethyl	0·05	
azinphos-methyl	1:	għeneb, frott taċ-ċitru
	0·5:	prodotti oħra
binapracyl	0·05:	ħxejjex minn basal, tuberi w għeruq
	0·3:	ħxejjex oħra, frott
carbaryl	3:	berquq, tuffieħ, lanġas, ħawħ, għeneb, għanbaqar, insalata, kaboċċi
	1:	prodotti oħrajn
chlorbenside	2	
chlorbenzilate	0·2:	ġewż
	2:	prodotti oħrajn
endosulphan (is-somma ta' α- u β-*endosulphan* u *endosulphansulphate*)	0·2:	ħxejjex ta' l-għeruq
	1:	prodotti oħrajn
endrin	0·01	
folpet	15:	ċirasa, ħass, ċawsli, qerqnin, passolina, għeneb u frawli
	10:	frott taċ-ċitru, u frott tat-tip tat-tuffieħ
	5:	tadam
	2:	prodotti oħrajn
lindane (*gamma* - HCH)	2:	ħxejjex bil-weraq
	0·5:	tadam, frott ta' l-għadma u għeneb
	0·1:	karrotti
	1:	prodotti oħrajn
methylparathion, inkluż il-*methyl-paraoxon*	0·2	
TEPP	0·01	

4. Ir-residwi tal-pestiċidi segwenti flimkien mal-partikolaritajiet korrespondenti tagħhom għandhom ikunu miżjuda:

Residwi tal-pestiċidi		Livelli massimi (fi mg/kg (ppm))	
Isem komuni	Formula kimikali		
bromophos-ethyl	0–4-*bromo*- 2,5-*dichloro-phenyl*-0,0-*diethyl phosphorothioate*	0·5	
bromopropylate	*isopropyl* 4,4′-*dibromo-benzilate*	3:	frott taċ-ċitru, banana
		2:	frott tat-tip tat-tuffieħ u frott ta' l-għadma, frawli, għeneb
		1:	ħxejjex
		0·05:	frott ieħor
captafol	1,2,3,6-*tetrahydro* - N-(1,1,2,2-*tetrachloro-ethylthio*) *phthalmide*	8:	ħxejjex tal-weraq
		2:	ħxejjet ta' l-għeruq
		5:	prodotti oħra
chlorfenvinphos (is-somma ta' l-iżomeri E- u Z)	2-*chloro*- 1-(2,4-*dichlo-rophenyl*) *vinyldiethylphosphate*	0·5:	ħxejjex tal-basal, tuberi u l-għeruq, krafes, tursin
		0·05:	faqqiegħ, frott
		0·1:	ħxejjex oħrajn
chlormequat, espress bħala *chlormequat cation*	2-*chloroethyltrimethyl ammonium ion*	3:	lanġas
		1:	għeneb
		0·05:	prodotti oħrajn
DDT (is-somma ta' p, p'DDT; p-p'DDT; p, p'DDE u p-p'TDE)	1,1,1-*trichloro*- 2,2-*bis* - (4-*chlorophenyl*) *ethane*	0·1	
dazinon	0,0-*diethyl* 0–2-*isopropyl*- 6-*methylpyrimidin* - 4-yl *phosphorothioate*	0·05:	ġewż
		0·5:	prodotti oħra
dichlofluanid	N-*dichlorofluoromethyl-thio* - N, N'-*dimethyl* - N-*phenylsulphamide*	10:	ħass, frawli, frott żgħir ieħor, għeneb
		5:	prodotti oħra
dichlorvos	2,2-*dichlorovinyldimethylphosphate*	0·1	
dicofol	2,2,2-*trichloro*- 1,1-bis (4-*chlorophenyl*) *ethanol*	2:	frott
		0·5:	ħxejjex
dioxathion	S, S'-(1,4-*dioxane*- 2,3-*diyl*) 0,0,0', 0'-*tetraethyldi* (*phosphorodithioate*)	3:	frott taċ-ċitru
		0·4:	għeneb
		0·2:	prodotti oħrajn
diquat, espress bħala *diquatcation*	1,1'-*ethylene*- 2,2'-*bipyri-dyldiyliumion*	0·1:	ħxejjex
		0·05:	prodotti oħrajn
fentincompounds (is-somma espressa bħala *fentinhydro-xide*)	*triphenyltin*	1:	krafes
		0·1:	karrotti
		0·05:	prodotti oħrajn

Residwi tal-pestiċidi		Livelli massimi (fi mg/kg (ppm))	
Isem komuni	Formula kimikali		
heptachlor (is-somma ta' *heptachlor* u *heptachlor epoxide*)	1,4,5,6,7,8,8-*heptachloro*-3a,4,7,7a-*tetrahydro*-4,7-*methanoindene*	0·01	
methyl bromide	*bromomethane*	0·1	
paraquat, espress bħala *paraquat cation*	1,1'-*dimethyl*- 4,4'-*bipyri-dyldiylium* ion	0·05	
pyrethrins (is-somma ta' *pyrethrins* I u II, *cinerins* I u II, *jasmolins* I u II)	–	1	
vamidothion (is-somma ta' *vamidothion* u *vamidothion sulphoxide*)	0,0-*dimethyl* S-2-(1-*methylcarbamoylethyl-thio*) *ethyl phosphoro-thioate*	0·5: 0·05:	frott tat-tip tat-tuffieħ prodotti oħrajn
chinomethionat	6-*methyl*- 1,3-*dithiolo* [4,5-b] *quinoxalin*- 2-*one*	0·3	

5. L-intestaturi "*barban*" u "*diallate*" għandhom ikunu mibdula bil-gruppi li jirrigwardaw rispettivament għal "*barban, chlorpropham, chlorbufam*", u "*diallate, triallate*" kif ġej:

Residwi tal-pestiċidi			Livelli massimi (fi mg/kg (ppm))	
Isem komuni		Formula kimikali		
barban *chlorpropham* *chlorbufan*	is-somma espressa bħala 3-chloroaniline	4-*chlorobut*- 2-*ynyl*3-*chlorocarbanilate*; *isopropyl*3-*chlorophenylcarbonate*;1-*methylprop*- 2-*ynyl*- 3-*chlorophenyl-carbamate*	0·1: 0·05:	krafes, karrotti, maxxita, zunnarija bajda, tursin prodotti oħra
diallate *triallate*	is-somma	S-2,3-*dichloroallyldi-isopropylthiocarbamate*; S-2,3,3-*trichloroallyl di-isopropylthiocarbamate*	0·1	

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi mal-Artikolu 1 mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 1984. Huma għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Lulju 1982.

Għall-kunsill

Il-President

B. WESTH